II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 383/2012

tal-4 ta' Mejju 2012

li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward ta' liċenzji tas-sewqan li jinkludu mezzi għall-ħażna (mikroċipp)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/126/KE tipprovdi għal mudell komuni għal-liċenzji tas-sewqan li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri, u li jinkludu mezzi għall-ħażna (mikroċipp) fakultattiva.

(2) L-introduzzjoni ta' tali mikroċipp fil-liċenzja tas-sewqan tkun tippermetti lill-Istati Membri sabiex itejbu b'mod ulterjuri l-livell ta' protezzjoni kontra l-frodi. Ipproċessar bħal dan ta' dejta personali jrid jitwettaq skont ir-regoli tal-Unjoni, kif stabbilit, *inter alia*, fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* [dejta] personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* [dejta] [2].

(3) Sabiex ikunu żgurati l-interoperabilità u r-reżistenza adegwati kontra l-frodi, l-implimentazzjoni teknika tal-mikroċipp għandha tissodisfa ċerti rekwiżiti u standards, jekk l-Istati Membri jagħżlu li jintroduċuha fil-liċenzja tas-sewqan.

(4) Il-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE xierqa sabiex jiġi vverifikat li jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti. Il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ma għandhiex tapplika għal liċenzji tas-sewqan li ma jinkludux mikroċipp.

(5) Ir-rekwiżiti tekniċi applikabbli għal-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp għandhom ikunu bbażati fuq standards tekniċi li jkun sar qbil fuqhom fuq livell internazzjonali, b'mod partikolari l-istandardISO/IEC 18013 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istandardazzjoni/Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (ISO/IEC — International Standardization Organization/International Electrotechnical Commission), li jistabbilixxi qafas għall-format tad-disinn u l-kontenut tad-dejta ta' liċenzja tas-sewqan konformi mal-ISO.

(6) Il-miżuri speċifikati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-liċenzji tas-sewqan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ambitu

Dan ir-Regolament japplika għal-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp maħruġa b'konformità mad-Direttiva 2006/126/KE.

Artikolu 2

Rekwiżiti ġenerali

1. Il-mikroċipp u d-dejta li tkun fil-mikroċipp, inkluża kull informazzjoni fakultattiva jew addizzjonali, għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Anness I għal dan ir-Regolament.

2. Il-mikroċipp għandha taħżen id-dejta armonizzata tal-liċenzja tas-sewqan imsemmija fl-Anness I, Paragrafu I.2.1.

3. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-Kummissjoni qabel ma jaħżnu fuq il-mikroċipp ta' liċenzja tas-sewqan kwalunkwe tip ta' dejta addizzjonali msemmija fl-Anness I, Paragrafu I.2.2.

Artikolu 3

Standards applikabbli

Il-lista ta' standards applikabbli għal-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp hija stabbilita fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18.
[2] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

Artikolu 4

Proċedura għal approvazzjoni tat-tip tal-UE

Liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp għandhom ikunu soġġetti għal Proċedura ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Meta d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jkunu ġew sodisfatti fir-rigward ta' liċenzja tas-sewqan li tinkludi mikroċipp skont l-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom joħorġu ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-manifattur jew ir-rappreżentant tiegħu.

2. Fejn dan ikun neċessarju, b'mod partikolari sabiex tkun żgurata konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, Stat Membru jista' jirtira approvazzjoni tat-tip tal-UE li jkun ħareġ.

3. Iċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE u n-notifika tal-irtirar tagħhom għandhom jikkonformaw mal-mudell stabbilit fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni għandha tiġi informata biċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE maħruġin jew irtirati. F'każ ta' rtirar, trid tingħata raġuni dettaljata.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bi kwalunkwe rtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE.

5. Ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE maħruġin mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku.

Artikolu 6

Punti ta' kuntatt waħdanin

1. Kull Stat Membru għandu jagħżel awtorità jew korp sabiex jaġixxu bħala punt ta' kuntatt waħdieni għal informazzjoni relata mal-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp. Il-punt ta' kuntatt waħdieni għandu jieħu miżuri adegwati rigward il-protezzjoni tad-dejta.

2. Fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jindikaw lill-Kummissjoni l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt waħdieni magħżul skont il-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla dwar dan.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Istati Membri lista ta' punti ta' kuntatt waħdanin maħturin u tibqa' taġġorna l-lista.

Artikolu 7

Klawsola ta' salvagwardja

1. Fejn Stat Membru jiskopri b'ċertezza li numru sinifikanti ta' liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp jinstabu b'mod ripetut li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament, huwa għandu jikkomunika din l-informazzjoni lill-punti ta' kuntatt waħdanin kollha, lill-Awtorità Superviżorja kif speċifikat fid-Direttiva 95/46/KE u lill-Kummissjoni. Għandu jiġi indikat kemm in-numru rilevanti ta' ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE marbut ma' dawn il-liċenzji tas-sewqan kif ukoll deskrizzjoni tan-nuqqas ta' konformità.

2. L-Istat Membru li ħareġ dawn il-liċenzji tas-sewqan għandu jinvestiga l-problema minnufih u jieħu l-azzjoni korrettiva xierqa, inkluż l-irtirar taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, fejn dan ikun neċessarju.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

Rekwiżiti ġenerali għal-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp

Ir-rekwiżiti ġenerali għal-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp deskritti f'dan l-Anness huma bbażati fuq standards internazzjonali, b'mod partikolari fuq l-istandards tas-serje ISO/IEC 18013. Dawn ikopru:

— l-ispeċifikazzjonijiet għall-mikroċipp u l-istruttura tad-dejta loġika fuq il-mikroċipp,

— l-ispeċifikazzjonijiet għal dejta armonizzata u addizzjonali li trid tinħażen, u

— l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-mekkaniżmi ta' protezzjoni tad-dejta għal dejta maħżuna b'mod diġitali fuq il-mikroċipp.

I.1. ABBREVJAZZJONIJIET

Abbrevjazzjoni	Tifsira
AID	Identifikatur tal-Applikazzjoni ("Application Identifier")
BAP	Protezzjoni tal-Aċċess Bażiku ("Basic Access Protection")
DG	Grupp ta' Dejta ("*Data* Group")
EAL 4+	Livell 4 Miżjud tal-Garanzija tal-Evalwazzjoni ("Evaluation Assurance Level 4 Augmented")
EF	Fajl Elementari ("Elementary File")
EFID	Identifikatur tal-Fajls Elementari ("Elementary File Identifier")
eMRTD	Dokumenti tal-Ivjaġġar li Jistgħu Jinqraw mill-Magni ("Machine Readable Travel Documents")
ICC	Karta ta' Ċirkwit Integrat ("Integrated Circuit Card")
ISO	Organizzazzjoni tal-Istandards Internazzjonali ("International Standard Organisation")
LDS	Struttura tad-Dejta Loġika
PICC	Karta taċ-Ċirkwit Integrat tal-Prossimità ("Proximity Integrated Circuit Card")
PIX	Estensjoni tal-Identifikatur tal-Applikazzjoni Proprjetarja ("Proprietary Application Identifier Extension")
RID	Identifikatur tal-Applikazzjonijiet Reġistrati ("Registered Application Identifier")
SOd	Oġġett tas-Sigurtà tad-Dokumenti ("Document Security Object")

I.2. DEJTA MAĦŻUNA FUQ IL-MIKROĊIPP

I.2.1. **Dejta mandatorja u fakultattiva arominizzata tal-liċenzja tas-sewqan**

Il-mikroċipp għandha taħżen id-dejta armonizzata tal-liċenzja tas-sewqan speċifikata fl-Anness I, Paragrafu 3, għad-Direttiva 2006/126/KE. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li fil-liċenzja tas-sewqan jinkludi elementi tad-dejta mmarkati bħala fakultattivi fl-Anness I, Paragrafu 3, tad-Direttiva 2006/126/KE, dawn l-elementi għandhom jinħażnu fil-mikroċipp.

I.2.2. **Dejta addizzjonali**

Wara li jikkonsultaw mal-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu jaħżnu dejta addizzjonali, diment li din ma xxekkel bl-ebda mod l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/126/KE.

L-Istati Membri li għandhom il-ħsieb li jintroduċu dejta addizzjonali għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dettaljata dwar it-tip ta' dejta addizzjonali u r-raġunijiet għall-ħżin ta' dejta bħal din fuq il-mikroċipp. Il-Kummissjoni għandha teżamina din l-informazzjoni u, fejn xieraq, tipprovdi opinjoni fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Anness u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma stabbilit skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE. Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tindika wkoll l-opinjoni tagħha, fejn xieraq, dwar jekk id-dejta addizzjonali għandhiex tinħażen fl-applikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-UE jew inkella f'applikazzjoni oħra.

I.3. MIKROĊIPP

I.3.1. **Tip ta' mezzi għall-ħażna**

Il-mezzi għall-ħażna għad-dejta tal-liċenzja tas-sewqan għandha tkun mikroċipp b'interface b'kuntatt, mingħajr kuntatt, jew inkella b'kuntatt kombinat u mingħajr kuntatt (doppju), kif speċifikat fl-Anness II, il-punt 1 ta' dan ir-Regolament.

I.3.2. **Applikazzjonijiet**

Id-dejta kollha fuq il-mikroċipp għandha tinħażen f'applikazzjonijiet. L-applikazzjonijiet kollha fuq il-mikroċipp għandhom jiġu identifikati minn kodiċi uniku msejjaħ Identifikatur tal-Applikazzjoni (AID) kif speċifikat fl-Anness II, il-punt 2.

I.3.2.1. *Applikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-UE*

Dejta mandatorja u fakultattiva tal-liċenzja tas-sewqan għandha tinħażen fl-applikazzjoni ddedikata tal-liċenzja tas-sewqan tal-UE. L-AID għall-applikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-UE għandu jkun:

'**A0 00 00 04 56 45 44 4C 2D 30 31**',

li huwa magħmul minn:

— l-Identifikatur tal-Applikazzjonijiet Reġistrati (RID) għall-Kummissjoni Ewropea: '**A0 00 00 04 56**',

— l-Estensjoni tal-Identifikatur tal-Applikazzjoni Proprjetarja (PIX) għall-applikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-UE: '**45 44 4C 2D 30 31**' ("EDL-01").

Id-dejta għandha tinqasam fi Gruppi ta' Dejta (DGs) bħala parti minn Struttura tad-Dejta Loġika (LDS).

Id-DGs għandhom jinħażnu bħala Fajls Elementari (EFs) fl-applikazzjoni tal-liċenzja tas-Sewqan tal-UE, u għandhom ikunu protetti skont l-Anness II, punt 3.

I.3.2.2. *Applikazzjonijiet Oħra*

Dejta addizzjonali oħra għandha tinħażen f'applikazzjoni ddedikata waħda jew aktar, apparti fl-applikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-UE. Kull applikazzjoni bħal din għandha tiġi identifikata b'AID uniku.

I.4. STRUTTURA TAD-DEJTA LOĠIKA TAL-APPLIKAZZJONI TAL-LIĊENZJA TAS-SEWQAN TAL-UE

I.4.1. **Struttura tad-Dejta Loġika**

Id-dejta tal-liċenzja tas-sewqan għandha tinħażen fuq il-mikroċipp fi Struttura tad-Dejta Loġika (LDS) speċifikata fl-Anness II, punt 4. Dan il-paragrafu jispeċifika rekwiżiti addizzjonali għad-DGs mandatorji, fakultattivi u addizzjonali.

Kull DG għandu jinħażen f'EF wieħed. L-EFs li għandhom jintużaw għall-applikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-UE għandhom jiġu identifikati bl-Identifikaturi tal-Fajls Elementari (EFIDs) u b'identifikaturi tal-EFs Qosra kif speċifikat fl-Anness II, punt 5.

I.4.2. **Gruppi ta' Dejta Mandatorja**

L-elementi ta' dejta mandatorja u fakultattiva għandhom jinħażnu fid-DGs li ġejjin:

— DG 1: l-elementi ta' dejta mandatorja u fakultattiva kollha kif stampati fuq id-dokument, għajr l-istampa tal-wiċċ u l-istampa tal-firma,

— DG 5: stampa tal-firma tad-detentur tal-liċenzja,

— DG 6: stampa ta' wiċċ id-detentur tal-liċenzja,

Id-dejta tad-DG 1 għandha tkun strutturata kif speċifikat fil-paragrafu I.6 ta' dan l-Anness u kif speċifikat fl-Anness II, punt 6. Id-dejta li tinstab f'DGs oħrajn għandha tinħażen skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Anness II kif speċifikat fl-Anness II, punt 7.

I.4.3. **Gruppi ta' Dejta Addizzjonali**

L-elementi ta' dejta addizzjonali għandhom jinħażnu fid-DGs li ġejjin:

— DG 2: dettalji dwar id-detentur tal-liċenzja, minbarra d-dejta bijometrika,

— DG 3: dettalji dwar l-awtorità emittenti,

— DG 4: stampa tar-ritratt,

— DG 7: dejta bijometrika rigward il-marki tas-swaba' tad-detentur tal-liċenzja,

— DG 8: dejta bijometrika rigward l-iris tad-detentur tal-liċenzja,

— DG 11: dettalji oħrajn, bħall-isem sħiħ tad-detentur bil-karattri nazzjonali.

Id-dejta li tinstab f'dawn id-DGs għandha tinħażen skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Anness II, punt 8.

I.5. MEKKANIŻMI TA' PROTEZZJONI TAD-DEJTA

Għandhom jintużaw mekkaniżmi xierqa għall-validazzjoni tal-awtentiċità u l-integrità tal-mikroċipp u tad-dejta li jkun fiha u għal-limitazzjoni tal-aċċess għad-dejta tal-liċenzja tas-sewqan.

Id-dejta fuq il-mikroċipp għandha tiġi protetta skont l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, punt 3. Dan il-paragrafu jispeċifika rekwiżiti addizzjonali li jrid ikun hemm konformità magħhom.

I.5.1. **Verifika tal-Awtentiċità**

I.5.1.1. *Awtentikazzjoni Passiva Mandatorja*

Id-DGs kollha maħżuna fl-applikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-UE għandhom jiġu protetti b'awtentikazzjoni passiva.

Dejta relatata mal-awtentikazzjoni passiva għandha tikkonforma mar-rekwiżiti speċifikati fl-Anness II, punt 9.

I.5.1.2. *Awtentikazzjoni Attiva Fakultattiva*

Il-mekkaniżmi ta' Awtentikazzjoni Attiva Fakultattiva għandhom jiġu applikati sabiex ikun żgurat li l-mikroċipp oriġinali ma ġietx sostitwita.

I.5.2. **Restrizzjoni tal-Aċċess**

I.5.2.1. *Protezzjoni Mandatorja tal-Aċċess Bażiku*

Il-mekkaniżmu ta' Protezzjoni tal-Aċċess Bażiku (BAP) għandu jiġi applikat għad-dejta kollha fl-applikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-UE. Fl-interess tal-interoperabilità ma' sistemi eżistenti bħal dik li tuża Dokumenti tal-Ivjaġġar li Jistgħu Jinqraw mill-Magni (eMRTD), l-użu tal-Qasam li jista' Jinqara mill-Magni b'linja waħda (MRZ — "Machine Readable Zone") huwa mandatorju, kif speċifikat fl-Anness II, punt 10.

Iċ-ċavetta tad-dokument Kdoc użata sabiex ikun jista' jsir aċċess għaċ-ċippa huwa ġġenerat mill-MRZ b'linja waħda, li jista' jiddaħħal jew b'mod manwali jew inkella billi jintuża apparat b'funzjoni ta' Rikonoxximent Ottiku tal-Karattri (OCR reader — "Optical Character Recognition"). Għandha tiġi applikata l-konfigurazzjoni tal-BAP 1 definita għal MRZ b'linja waħda kif speċifikat fl-Anness II, punt 10.

I.5.2.2. *Kontroll tal-Aċċess Estiż Kundizzjonali*

Meta dejta aktar sensittiva tinħażen fuq il-mikroċipp, l-aċċess għal dejta bħal din għandu jiġi limitat permezz ta' miżuri addizzjonali.

Il-mekkaniżmi ta' Kontroll tal-Aċċess Estiż għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tal-Anness II, punt 11.

I.5.3. **Infrastruttura taċ-Ċavetta Pubblika (PKI – "Public Key Infrastructure") għal-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp**

Il-punt ta' kuntatt waħdieni definit fl-Artikolu 6 għandu jistabbilixxi l-arranġamenti nazzjonali neċessarji għall-ġestjoni taċ-Ċavetta Pubblika, skont l-Anness A tal-istandard 18013_3 tal-ISO.

I.6. PREŻENTAZZJONI TAD-DEJTA

I.6.1. **Ifformattjar tad-dejta f'DG 1**

Tag	L	Valur					Kodifikazzjoni	M/O
61	V	Elementi tad-dejta tad-DG1 (inkapsulati)						
		Tag	L	Valur				
		5F 01	V	Numru ta' approvazzjoni tat-tip			ans	M
		5F 02	V	Oġġett tad-dejta mibni ta' elementi tad-dejta demografika				M
				Tag	L	Valur		
				5F 03	3	Stat Membru emittenti	a3	M
				5F 04	V	Kunjom(ijiet) id-detentur	as	M
				5F 05	V	Isem/Ismijiet ieħor/oħrajn tad-detentur	as	M
				5F 06	4	Data tat-twelid (jjxxssss)	n8	M
				5F 07	V	Post tat-twelid	ans	M
				5F 08	3	Nazzjonalità	a3	O
				5F 09	1	Sess	M/F/U	O
				5F 0 A	4	Data tal-ħruġ tal-liċenzja (jjxxssss)	n8	M
				5F 0B	4	Data ta' skadenza tal-liċenzja (jjxxssss)	n8	M
				5F 0C	V	Awtorità emittenti	ans	M
				5F 0D	V	Numru amministrattiv (minbarra n-numru tad-dokument)	ans	O
				5F 0E	V	In-numru tad-dokument	an	M
				5F 0F	V	Post ta' residenza, jew indirizz postali permanenti	ans	O
		7F 63	V	Oġġett tad-dejta mibni ta' kategoriji ta' vetturi/restrizzjonijiet/kundizzjonijiet				M
				Tag	L	Valur (kodifikat kif definit hawn taħt)		
				02	1	Numru ta' kategoriji/restrizzjonijiet/kundizzjonijiet	N	M
				87	V	Kategorija/restrizzjoni/kundizzjoni	ans	M
				87	V	Kategorija/restrizzjoni/kundizzjoni	ans	O
				…	…	…	…	…
				87	V	Kategorija/restrizzjoni/kundizzjoni	ans	O

I.6.2. **Format tar-rekord loġiku**

Il-kategoriji rigward vetturi, restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet għandhom jiġu kkompilati f'oġġett tad-dejta li jsegwi l-istruttura speċifikata fit-tabella li ġejja:

Kodiċi tal-kategorija tal-vettura	Data ta' ħruġ	Data ta' skadenza	Kodiċi	Sinjal	Valur

fejn:

— il-kodiċi tal-kategorija tal-vettura għandu jiġi ppreżentat kif definit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/126/KE (pereżempju, AM, A1, A2, A, B1, B, eċċ.),

— id-data ta' ħruġ għandha tiġi ppreżentata fil-format JJXXSSSS (il-jum f'żewġ ċifri segwit mix-xahar b'żewġ ċifri segwit mis-sena b'erba' ċifri) għall-kategorija tal-vettura,

— id-data ta' skadenza għandha tiġi ppreżentata fil-format JJXXSSSS (il-jum f'żewġ ċifri segwit mix-xahar b'żewġ ċifri segwit mis-sena b'erba' ċifri) għall-kategorija tal-vettura,

— il-kodiċi, is-sinjal u l-valur jirreferu għal informazzjoni addizzjonali jew restrizzjonijiet relatati mal-kategorija tal-vettura jew mas-sewwieq.

ANNESS II

Lista ta' standards applikabbli ġhal-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mezzi ġhall-ħażna

Punt	Suġġett	Rekwiżit	Applikabbli ġhal
1	Interface, organizzazzjoni u kmandi tal-mezzi ġhall-ħażna	Serje 7816 tal-ISO/IEC (kuntatt), serje 14443 tal-ISO/IEC (mingħajr kuntatt) kif imsemmi fl-ISO/IEC 18013-2:2008, Anness C	Anness I, paragrafu I.3.1
2	Identifikatur tal-Applikazzjonijiet	ISO/IEC 7816-5:2004	Anness I, paragrafu I.3.2
3	Mekkaniżmi ta' protezzjoni tad-dejta	ISO/IEC 18013-3:2009	Anness I, paragrafu I.3.2.1 Anness I, paragrafu I.5
4	Struttura tad-Dejta Loġika	ISO/IEC 18013-2:2008	Anness I, paragrafu I.4.1
5	Identifikaturi ta' Fajls Elementari	ISO/IEC 18013-2:2008 Tabella C.2	Anness I, paragrafu I.4.1
6	Preżentazzjoni tad-dejta ġhad-DG 1	ISO 18013-2:2008, Anness C.3.8	Anness I, paragrafu I.4.2 Anness I, paragrafu I.6.1
7	Preżentazzjoni tad-dejta mandatorja ġhad-DG 5 u d-DG 6	ISO/IEC 18013-2:2008, Anness C.6.6 and Annex C.6.7, l-istampa tal-wiċċ u l-istampa tal-firma li jridu jinħażnu fil-format JPEG jew JPEG2000	Anness I, paragrafu I.4.2
8	Preżentazzjoni tad-dejta fakultattiva u addizzjonali	ISO/IEC 18013-2:2008, Anness C	Anness I, paragrafu I.4.3
9	Awtentikazzjoni passiva	ISO/IEC 18013-3:2009, paragrafu 8.1, dejta trid tinħażen fl-EF.L-SOd ("Document Security Object" — Oġġett tas-Sigurtà tad-Dokumenti) fl-LDS	Anness I, paragrafu I.5.1.1
10	Restrizzjoni tal-aċċess bażiku Konfigurazzjoni tar-restrizzjoni tal-aċċess bażiku	ISO/IEC 18013-3:2009 u l-Emenda 1 tiegħu ISO/IEC 18013-3:2009, Anness B.8	Anness I, paragrafu I.5.2.1
11	Restrizzjoni tal-aċċess estiż	Linja Gwida Teknika TR-03110, Mekkaniżmi Avvanzati ta' Sigurtà ġhal Dokumenti tal-Ivjaġġar li Jistgħu Jinqraw mill-Magni – Kontroll tal-Aċċess Estiż (EAC – "Extended Access Control"), Verżjoni 1.11	Anness I, paragrafu I.5.2.2
12	Metodi ta' ttestjar	ISO 18013-4:2011	Anness III, Paragrafu III.1
13	Ċertifikat tas-sigurtà	Livell 4 Miżjud tal-Garanzija tal-Evalwazzjoni (EAL 4+) jew ekwivalenti	Anness III, paragrafu III.2
14	Ċertifikat funzjonali	Ittestjar tal-ismart card skont is-serje 10373 tal-ISO	Anness III, paragrafu III.3

ANNESS III

Proċedura għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp

III.1. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Il-manifatturi li japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp għandhom jippreżentaw ċertifikat tas-sigurtà u ċertifikat funzjonali.

Kull modifika maħsuba għall-proċess ta' produzzjoni, inkluż fis-softwer, għandha tkun soġġetta għal notifika minn qabel lill-awtorità li approvat l-approvazzjoni tat-tip. L-awtorità tista' teħtieġ informazzjoni u testijiet ulterjuri qabel ma taċċetta l-modifika.

It-testijiet għandhom isegwu l-metodi stabbiliti fil-punt 12 tal-Anness II għal dan ir-Regolament.

III.2. ĊERTIFIKAT TAS-SIGURTÀ

Għall-evalwazzjoni tas-sigurtà, il-mikroċipps tal-liċenzja tas-sewqan għandhom jiġu evalwati skont il-kriterji speċifikati fl-Anness II, punt 13.

Ċertifikat tas-sigurtà għandu jingħata biss wara evalwazzjoni li tipprova l-abbiltà tal-mikroċipp sabiex tiflaħ għal tentattivi ta' tbagħbis jew modifikar tad-dejta.

III.3. ĊERTIFIKAT FUNZJONALI

L-evalwazzjoni funzjonali tal-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp għandha tiġi ttestjata fil-laboratorju skont il-kriterji speċifikati fl-Anness II, punt 14.

L-Istati Membri li jintegraw mikroċipp fuq il-liċenzji tas-sewqan għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mal-istandards funzjonali rilevanti u mar-rekwiżiti tal-Anness I.

Ċertifikat funzjonali għandu jingħata lill-manifattur ladarba:

— ikun hemm ċertifikat validu tas-sigurtà għall-mikroċipp,

— tintwera l-konformità mar-rekwiżiti tal-Anness II, u

— jgħaddi b'suċċess mit-testijiet funzjonali.

L-awtorità rilevanti tal-Istat Membru hija responsabbli mill-ħruġ taċ-ċertifikat funzjonali. Iċ-ċertifikat funzjonali għandu jindika l-identità tal-awtorità emittenti, l-identità tal-applikant, l-identifikazzjoni tal-mikroċipp u lista dettaljata tat-testijiet u r-riżultati tagħhom.

III.4. ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE

III.4.1. **Ċertifikat tal-mudell**

L-Istati Membri għandhom jagħtu ċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE wara l-preżentazzjoni taċ-ċertifikat tas-sigurtà u ċ-ċertifikat funzjonali kif speċifikat f'dan l-Anness. Ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom jikkonformaw mal-mudell fl-Anness IV.

III.4.2. **Sistema ta' enumerazzjoni**

Is-sistema ta' enumerazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tkun magħmula minn:

(a) L-ittra 'e' segwita minn numru li jiddistingwi l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE

— 1 għall-Ġermanja

— 2 għal Franza

— 3 għall-Italja

— 4 għall-Pajjiżi l-Baxxi

— 5 għall-Isvezja

— 6 għall-Belġju

— 7 għall-Ungerija

— 8 għar-Repubblika Ċeka

— 9 għal Spanja

— 11 għar-Renju Unit

— 12 għall-Awstrija

— 13 għal-Lussemburgu

— 17 għall-Finlandja

— 18 għad-Danimarka

— 19 għar-Rumanija

— 20 għall-Polonja

— 21 għall-Portugall

— 23 għall-Greċja

— 24 għall-Irlanda

— 26 għas-Slovenja

— 27 għas-Slovakkja

— 29 għall-Estonja

— 32 għal-Latvja

— 34 għall-Bulgarija

— 36 għal-Litwanja

— 49 għal Ċipru

— 50 għal Malta;

(b) L-ittri DL preċeduti minn sing u segwiti miż-żewġ ċifri li jindikaw in-numru tas-sekwenza assenjat lil dan ir-Regolament jew lill-aħħar emenda teknika kbira għal dan ir-Regolament. In-numru ta' sekwenza għal dan ir-Regolament huwa 00;

(c) Numru ta' identifikazzjoni uniku għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE attribwit mill-Istat Membru emittenti.

Eżempju tas-sistema ta' enumerazzjoni ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE: e50-DL00 12345

In-numru ta' approvazzjoni għandu jinħażen fuq il-mikroċipp fid-DG 1 għal kull liċenzja tas-sewqan li jkun fiha mikroċipp bħal din.

ANNESS IV

Mudell għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE li jikkonċerna l-liċenzji tas-sewqan li jinkludu mikroċipp

Isem l-awtorità kompetenti: .....

Notifika li tikkonċerna [1]:

— l-approvazzjoni ☐

— l-irtirar tal-approvazzjoni ☐

ta' Liċenzja tas-Sewqan tal-UE li tinkludi mikroċipp

Approvazzjoni Nru: .....

1. Marka tal-fabbrika jew marka kummerċjali: .....
2. Isem il-mudell: .....
3. Isem il-manifattur jew tar-rappreżentat tiegħu, fejn applikabbli: .....

   .....
4. Indirizz tal-manifattur jew tar-rappreżentat tiegħu, fejn applikabbli: .....

   .....
5. Rapporti tat-testijiet fil-laboratorju:

   5.1 Nru taċ-Ċertifikat tas-Sigurtà: ..... Data: .....

   Maħruġ minn: .....

   5.2 Nru taċ-Ċertifikat Funzjonali: ..... Data: .....

   Maħruġ minn: .....
6. Data tal-approvazzjoni: .....
7. Data tal-irtirar tal-approvazzjoni: .....
8. Post: .....
9. Data: .....
10. Dokumenti deskrittivi fl-Anness: .....
11. Firma: .....

---

[1] Immarka l-kaxxa rilevanti.